



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6385/21

Fajl Interistituzzjonali:
2010/0112 (NLE)

AVIATION 40
RELEX 131
USA 4

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru
bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea
u l-Istati Membri tagħha**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni 2010/465/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill¹ il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmit fil-25 u fit-30 ta' April 2007 (il-“Protokoll”), ġie ffirmit fl-24 ta' Ġunju 2010, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.
- (2) Il-Protokoll ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha, minbarra mir-Repubblika tal-Kroazja. Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha taderixxi mal-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2012.
- (3) Il-Protokoll jenħtieġ li jiġi approvat.
- (4) Minħabba li l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2010/465/UE, dwar l-għoti ta' informazzjoni mill-Istati Membri, ma għadux neċessarju jenħtieġ li dak l-Artikolu jieqaf japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni 2010/465/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqa' fi ħdan il-Kunsill, tal-24 ta' Ġunju 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 223, 25.8.2010, p. 1).

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim tat-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat fil-25 u fit-30 ta' April 2007 (il-“Protokoll”), huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jipproċedi, f'isem l-Unjoni, bl-iskambju ta' noti diplomatiċi previst fl-Artikolu 10 tal-Protokoll.

Artikolu 3

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2010/465/UE għandu jieqaf japplika fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

¹ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 233, 25.8.2010, p. 3, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
